



2023/2181(DEC)

21.11.2023

EMENDI

1 - 11

Abbozz ta' opinjoni
Vlad Gheorghe
(PE753.753v01-00)

Kwittanza 2022: Impriża Konġunta Riċerka dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru Uniku Ewropew 3
((2023/2181(DEC))

Emenda 1
Vlad Gheorghe, Jan-Christoph Oetjen

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 2

Abbozz ta' opinjoni

2. Jilqa' t-tranżizzjoni bla xkiel lejn l-Impriża Konġunta SESAR 3, li ilha operattiva mit-30 ta' Novembru 2021 u jirrikonoxxi l-mekkaniżmi ta' koordinazzjoni effettivi tagħha;

Emenda

2. Jilqa' t-tranżizzjoni bla xkiel lejn l-Impriża Konġunta SESAR 3, li ilha operattiva mit-30 ta' Novembru 2021 u jirrikonoxxi l-mekkaniżmi ta' koordinazzjoni effettivi tagħha; ***b'mod partikolari, ifaħħar il-ħolqien tal-Grupp tar-Rappreżentanti tal-Istati, li jippermetti lill-Istati Membri jkollhom rwol konsultattiv dirett fir-rigward tal-prijoritajiet, l-ippjanar u l-attivitajiet tas-sħubija, il-formazzjoni tal-Kumitat tal-Programm tal-Impriża Konġunta SESAR 3, li jiggwida l-attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni u l-istabbiliment tal-Kumitat Xjentifiku;***

Or. en

Emenda 2
Gheorghe Falcă

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 2a (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

2a. Jilqa' l-kontribut tal-Impriża Konġunta biex tirreaġixxi għall-gwerra illegali mhux ġustifikata tal-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna peress li ġew affettwati xi flussi tat-traffiku, li għamlu neċessarju l-adattament tal-operazzjonijiet tal-ATC tal-Impriża Konġunta, li wassal għal ħtieġa akbar ta' ATCO; jilqa' l-esklużjoni tal-entitajiet ġuridiċi stabbiliti fil-Belarussja, fir-Russja jew fit-territorji mhux ikkontrollati mill-gvern tal-Ukrajna mill-parteċipazzjoni f'Orizzont Ewropa;

Emenda

Emenda 3
Vlad Gheorghe, Jan-Christoph Oetjen

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 2a (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

**2a. Jisħaq fuq l-importanza tal-
Impriża fil-kisba tal-Ajru Diġitali
Ewropew, li waslet għas-selezzjoni ta' 48
proġett b'investiment totali ta'
EUR 350 miljun;**

Or. en

Emenda 4
Gheorghe Falcă

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 3a (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

**3a. Jinnota li fi tmiem l-2022, l-
Impriża Konġunta kienet impenjat bis-
sħiħ il-kontribuzzjoni operattiva massima
tal-UE ta' EUR 555,8 miljun għal
ftehimiet ta' għotja u kuntratti ffirmati fl-
ambitu tal-programm Orizzont 2020;
jindika li minn dak l-ammont, madwar
EUR 65,7 miljun (jew 11,8 %) għad iridu
jitħallsu fis-snin li ġejjin għal proġetti u
kuntratti li għad iridu jiġu kkompletati;**

Or. en

Emenda 5
Gheorghe Falcă

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 4

Abbozz ta' opinjoni

4. Jilqa' l-fatt li l-Impriża Konġunta kompliet tiġġestixxi 71 proġett fir-riċerka esploratorja, industrijali u ta' validazzjoni, bi 300 benefiċjarju differenti, li minnhom kważi 20 % huma SMEs, 17 % huma istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja u 9 % huma organizzazzjonijiet tar-riċerka;

Emenda

4. Jilqa' l-fatt li l-Impriża Konġunta kompliet tiġġestixxi 71 proġett fir-riċerka esploratorja, industrijali u ta' validazzjoni, bi 300 benefiċjarju differenti, li minnhom kważi 20 % huma SMEs, 17 % huma istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja u 9 % huma organizzazzjonijiet tar-riċerka; ***ifakkar li l-Impriża toħloq opportunitajiet ġodda għall-SMEs;***

Or. en

Emenda 6
Gheorghe Falcă

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 4a (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda 7
Gheorghe Falcă

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 5a (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

4a. Jilqa' l-fatt li l-pipeline ta' innovazzjoni SESAR ġie kompletament attivat fl-2022 bit-tnedija ta' ħames Dimostraturi tal-Ajru Diġitali fl-ambitu tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, għal dak li jirrigwardja l-avjazzjoni ekoloġika u l-mobbiltà urbana bl-ajru;

Or. en

Emenda

5a. Jinnota li fl-2022, l-Impriża Konġunta SESAR 3 kompliet issaħħaħ is-sħubija tagħha mal-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea (EASA), bl-għan li trawwem il-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni tagħha

fil-qafas tal-ftehim dwar il-livell ta' servizz (FLS) biex l-EASA tiġi inkarigata tipprovdi servizzi lill-Impriża Konġunta SESAR 3 fil-qasam tas-servizzi ATM/tan-navigazzjoni bl-ajru, inkluża l-implimentazzjoni tal-Ajru Uniku Ewropew; jenfasizza l-importanza ta' aktar żvilupp fl-Ajru Uniku Ewropew;

Or. en

Emenda 8
Vlad Gheorghe, Jan-Christoph Oetjen

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 5a (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

5a. Jinnota li, meta ddeterminat ir-rata ta' żball, l-Impriża Konġunta SESAR 3 qieset l-eżiti tat-tliet parteċipazzjonijiet li kien fadal li kienu qed jiġu ffinalizzati; dan irriżulta f'rata ta' żball identifikata ta' 2,39 %, bi żball sistematiku ta' 1,69 % u rata tal-iżball residwu ta' 1,75 %; Ir-rati ta' żball irrappurtati għall-2022, annwali u kumulattivi, baqgħu fis-soll ta' materjalità;

Or. en

Emenda 9
Gheorghe Falcă

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 5b (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

5b. Jinnota li fl-Ewropa, l-avjazzjoni militari tinkludi mijiet ta' żoni militari u għexieren ta' mitjar militari. Huwa stmat li 30 % tat-titjiriet militari Ewropej jaderixxu mar-regoli ġenerali tat-traffiku tal-ajru, filwaqt li l-bqija joperaw bħala

traffiku tal-ajru operattiv. Titjiriet militari jitwettqu għal varjetà wiesgħa ta' raġunijiet, inkluż bħala eżerċizzji ta' taħriġ, biex tiġi żgurata s-sigurtà interna (inklużi missjonijiet ta' sovranià) u għall-ġestjoni ta' operazzjonijiet ta' kriżi transfruntiera; jenfasisza għal din ir-raġuni, l-involviment militari mifrux fis-Soluzzjonijiet SESAR huwa ta' importanza kbira biex jiġi żgurat li l-missjonijiet militari effettivi u l-użu tal-ispazju tal-ajru jkunu jistgħu jiġu integrati ma' użi oħra tal-ispazju tal-ajru madwar l-Ewropa;

Or. en

Emenda 10
Gheorghe Falcă

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 5c (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

5c. Ifaħħar id-djalogu mill-qrib mill-2011 bejn l-Impriża Konġunta SESAR 3 u l-Aġenzija Ewropea għad-Difiża (EDA) li fl-2022 kompla jiffoka b'mod partikolari fuq kwistjonijiet militari u kontributi għall-programm Ajru Diġitali Ewropew; Jinnota li l-EDA issa sservi bħala l-interfaċċa ewlenija bejn il-programm tal-Ajru Diġitali Ewropew minn naħa, u l-avjazzjoni militari u l-ATM min-naħa l-oħra, u hija responsabbli għall-koordinazzjoni tal-fehmiet militari fir-rigward tal-Ajru Uniku Ewropew u SESAR;

Or. en

Emenda 11
Vlad Gheorghe, Jan-Christoph Oetjen

Abbozz ta' opinjoni

Paragrafu 7a (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

7a. Jilqa' l-fatt li ttieħdet azzjoni korrettiva b'reazzjoni għall-osservazzjoni tal-QEA tal-2021; jinnota, b'mod partikolari, li SESAR 3 ħallset kif xieraq il-kontribuzzjonijiet tal-impjegatur rilevanti għall-iskema tal-pensjonijiet tal-UE għas-sena 2022, f'konformità mal-fatturi maħruġa mill-Kummissjoni;

Or. en